# Beati u Qaddisin....Ottubru

9 ta' ottubru San Giovanni Leonardi - Sacerdot

Ta' 26 sena kien spizjar gewwa Lucca, li kienet post prosperu, izda li ftit wara intlaqtet minn krizi. Giovanni Leonardi kien ta' ghajnuna kbira ghall-fqar billi hadem id f'id mal-ghaqda tal-"Colombini". L-esperjenza li ha minn din il-kongregazzjoni kienet il-pedament biex isir sacerdot fis-sena 1572. Kien sacerdot li kellu passjoni kbira biex jaghti t-taghlim religjuz. Beda' biex jghallem lit-tfal izda l-isqof afdalu wkoll il-katekesi ta' l-adulti. Waqqaf fondazzjoni ta' lajci biex jaghtu daqqa t'id fit-tixrid tal-katekizmu kattoliku maghrufa bhala "Il-kumpanija tad-duttrina nisranija."



Akltar tard ta' bidu ghall-familja religjuza msejha "Is-sacerdoti ta' Omm Alla." Hadem hafna fir-riforma kattolika.

Imma gewwa Lucca kull haga gdida tqajjem suspett. Ma kien jinghogob xejn ix-xoghol tieghu f'ambjenti qrib ir-riforma protestanta. Anke xi uhud mill-kleru li kienu kontra r-riforma kattolika haduha kontra tieghu. Hekk li fis-sena 1584 waqt li kien Ruma sab ruhu itturufnat ghal dejjem minn Lucca. Meta talab spjega, wegbuh li kien ta' tfixkil ghal awtorita u l-ordni pubblika. Anke l-istess

religjuzi tal-kongregazzjoni li waqqaf hu, haduha kontra tieghu. Bejnithom inqasmu. Imma kollox ma kollox l-kommunita' tieghu ghelbet dan it-tfixkil.

Klement VIII ra fih potenzjal u baghtu biex igib l-ordni fil-kongregazzjonijiet religjuzi, jirriforma l-monasteri u jgib il-paci fejn kienet tezisti l-kontroversja.

Flimkien ma' Giovanni Vives kien promotur biex jitwaqqaf il-Kullegg Urbanu ghall-Propaganda tal-Fidi fis-sena 1603. Issa s-sacerdot Leonardi kellu d-dinja kollha ghall-evangelizzazjoni. Is-sacerdoti tal-kongregazzjoni tieghu fethu dar gewwa Ruma fis-sena 1601. Kien hemmhekk li bdew isejhulhom "Leonardini."

Huwa miet gewwa Ruma fis-sena 1609 u gie dikjarat qaddis minn Piju XI fis-sena 1938.